MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2007

Citazzjoni Numru. 650/1994/1

**John Refalo.**

**vs**

**Edwin Pisani f'ismu proprio u kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Combined Catering Limited.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 6 ta' Mejju 1994 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Frank G. Camilleri fejn gie premess:-

Illi l-konvenut xi snin ilu kien avvicina lill-attur biex l-istess attur jinvesti mieghu sehem ta’ hamsa u ghoxrin fil-mija (25%) fl-*iSnoopy’s Bar and Restaurant*, tas-Sliema;

Illi ghal dan l-iskop, u skond il-ftehim originarjament maghmul bejn il-partijiet, l-attur avvanza lill-konvenut is-somma ta’ sebat elef lira Maltin (Lm7,000), u dan fl-1981 bhala sehemu mill-investiment. Liema sehem kellu jigi utilizzat mill-konvenut biex jirrifletti akkwist ta’ hamsa u ghoxrin fil-mija (25%) favur l-attur ta’ isthma fis-socjeta` kummercjali li kellha l-propjeta` u l-gestjoni ta’ l-imsemmi fond, u *cioe*` s-socjeta` *Combined Catering Limited;*

Illi minkejja dan il-ftehim originali, is-sehem ta’ l-attur ma giex ufficjalment registrat, u l-partijiet imxew fuq arrangament amikevoli, fejn il-konvenut jiggestixxi direttament u principalment il-fond fuq imsemmi, u jinghad lill-attur xi pagament bhala parti mis-sehem tieghu ta’ l-investiment;

Illi l-pagamenti maghmula lill-attur jammontaw ghall-hamest elef Lira Maltin (Lm5,000), li maghhom jridu jizdiedu l-valuri ta’ xi servizzi mehuda mill-istess attur, liema pagamenti ma jirriflettu bl-ebda mod is-sehem mill-profitti effettivament dovuti lill-attur;

Illi l-konvenut, minkejja li kien gie nterpellat sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni u hlas ta’ l-ammont rapprezentanti s-sehem dovut lill-attur mill-operazzjoni tal-i*Snoopy’s Bar and Restaurant*, tas-Sliema, relatat ma’ l-investiment ta’ hamsa u ghoxrin fil-mija (25%) maghmul mill-attur kif fuq premess, dan baqa’ inadempjenti;

Illi ghalhekk l-istess attur talab lill-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara illi hamsa u ghoxrin fil-mija (25%) ta’ l-ishma tas-socjeta` *Combined Catering Limited* tappartjeni lill-attur;

2. Tordna lill-konvenut sabiex jirregistra l-propjeta` ta’ l-imsemmija ishma favur l-attur mar-Registratur tas-

Socjetajiet fi zmien qasir u perentorju illi hija joghgobha tipprefiggi ghal dan l-iskop;

3. Tawtorizza lill-attur sabiex, fin-nuqqas jirregistra l-interess tieghu kif fuq imsemmi.

4. Tiddikjara lill-konvenut *proprio et nomine* responsabbli illi jhallas lill-atturi l-ammont ekwivalenti ghall-hamsa u ghoxrin fil-mija (25%) tal-profitti tas-socjeta` konvenuta u dan ghall-perijodu ta' bejn is-sena 1982 sallum.

5. Tillikwida tali sehem mill-profitti tas-socjeta` konvenuta kif fuq premess, *occorrendo* bl-opera ta' periti nominandi;

6. Tikkundanna lill-konvenut *proprio et nomine* li jhallas lill-attur l-ammont hekk likwidat;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Impediment ta' Partenza numru 1380/94, u nteressi legali, kontra l-konvenut li jibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda ta' l-atturi a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smiegh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Frank G. Camilleri ghas-seduta tas-27 ta' Gunju 1994.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Edwin Pisani datata 25 ta' Mejju 1994 a fol. 12 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi preliminarjament in-nullita` tac-citazzjoni *stante* l-oskurita` tal-premessi fic-citazzjoni u li *a tenur* ta' l-**artikolu 156 (1) (a)** ghandha tkun imfissra car u sewwa l-oggett u r-raguni tat-talba, ghalhekk l-eccipjent ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi hija ghal kollox bla bazi l-asserzjoni li fl-1981 l-eccipjenti accetta li javanza lill-attur xi sehem fil-gestjoni

ta' *Snoopy's Restaurant* jew fl-ishma tas-socjeta fuq imsemmija – u fi kwalunkwe kaz l-attur iddekada minn kull dritt li jagixxi kontra l-konvenut ghax ma jistax jippretendi li jinforza xi xorta ta' ftehim bhal dan tlettax-il sena wara;

3. Illi subordinament u bla pregudizzju ghas-suespost, illi fi kwalunkwe kaz, ghall-parti l-kbira miz-zmien li ghalihom l-istess attur qieghed jirrikjama d-danni, dawn huma palesament preskritta *ai termini* ta' l-**artikolu 2153 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut Edwin Pisani a fol. 13 u 14 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Frank G. Camilleri tas-27 ta' Gunju 1994 fejn Dr. Toni Abela ddikjara illi s-socjeta` konvenuta ma ghandhiex l-isem kif indikat fic-citazzjoni *cioe`* ma jisimhiex "*Combined Caterers (Recte Caterers) Limited*" izda jisimha "*Combined Catering Limited*". Dr. Abela *inoltre* rrimetta ruhu ghad-decizzjoni tal-Qorti f'kaz illi jidhrilha li ghandha tordna l-korrezzjoni. Dr. Martin Fenech talab korrezzjoni ta' l-isem tal-kumpanija fic-citazzjoni u fid-dikjarazzjoni billi fejn jirrikorri l-isem "*Combined Caters Limited*" jew "*Combined Caterers Limited*" tithassar il-kelma "*Caterers*" u "*Caters*" u minflokom tigi inserita "*Catering*" biex l-isem tal-kumpanija jinqara "*Combined Catering Limited*". Inghata digriet. Il-Qorti wara li rat l-artikolu 175 tal-Kap 12 ordnat il-korrezzjoni mitluba. Il-kawza giet differita ghat-2 ta' Dicembru 1994 ghan-notifika tac-citazzjoni kif korretta lill-konvenut *pro et nomine*; tat-2 ta' Dicembru 1994; tal-5 ta' April 1995; tad-19 ta' Gunju 1995 fejn meta ssejhet il-kawza deher l-attur assistit minn Dr. Martin Fenech u l-konvenut Pisani sprovist mill-avukat. Dr. Toni Abela ssejjah tliet darbiet baqa' ma deherx. Inghata digriet; il-Qorti tat il-fakolta` lid-difensur tal-konvenut li jipprezenta nota ta' l-osservazzjonijiet dwar l-eccezzjoni tan-nullita` sa l-ahhar ta' Awissu 1995 bil-*visto* tad-difensur tal-kontro-parti li jkollu sat-30 ta' Settembru 1995 ghar-ripsosta. Il-

kawza giet differita ghall-15 ta' Dicembru 1995 ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni.

Rat ir-rikors tal-konvenut datata 4 ta' Dicembru (fol.23) fejn l-esponenti talab lill-Qorti joghgobha tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza ghall-15 ta' Dicembru 1995 u tipprefiggilu z-zmien biex ikun jista' jaghmel dan.

Rat ir-risposta ta' John Refalo datata 14 ta' Dicembru 1995 (fol. 25) fejn l-attur irrimeta ruhu ghal gudizzju tal-Qorti.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Frank G.Camilleri tal-15 ta' Dicembru 1995 fejn meta ssejhet il-kawza deher biss Dr. Toni Abela ghall-konvenut. Dr. Martin Fenech issejjah tliet darbiet baqa' ma deherx. Inghata digriet; il-Qorti laqghet it-talba u ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza u ppreffiggiet lid-difensur tal-konvenut li jipprezenta nota ta' osservazzjonijiet sal-15 ta' Jannar 1996 bil-*visto* tad-difensur ta' l-attur li jkollu sal-15 ta' Frar 1996 ghar-risposta. Il-kawza giet differita ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni ghas-26 ta' April 1996; u tas-26 ta' April 1996 fejn meta ssejhet il-kawza ma deher hadd. Il-kawza giet deciza *in parte*. Il-kawza giet differita ghad-9 ta' Ottubru 1996 ghall-kontinwazzjoni.

Rat id-decizjoni ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Frank G. Camilleri dwar l-ewwel eccezzjoni fejn il-Qorti cahdet l-ewwel eccezzjoni tan-nullita` sollevata mill-konvenut *proprio et nomine*; bl-ispejjez kontra tieghu.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Frank G. Camilleri tad-9 ta' Ottubru 1996; tat-22 ta' Jannar 1997; tat-30 ta' April 1997; u tas-16 ta' Gunju 1997.

Rat in-nota ta' l-attur John Refalo datata 30 ta' April 1997 a fol 37ª tal-process li permezz taghha pprezenta l-affidavit tieghu.

Rat in-nota ta’ l-attur datata 16 ta’ Gunju 1997 (fol. 43) li permezz taghha esebixxa l-affidavit ta’ Vivienne Refalo, immarkat bhala Dok “A”.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Frank G. Camilleri tat-22 ta’ Ottubru 1997; tal-21 ta’ Novembru 1998; tad-9 ta’ Frar 1998; tal-15 ta’ Mejju 1998; tad-9 ta’ Dicembru 1998 fejn meta ssejhet il-kawza deher l-attur assistit minn Dr. Matthew Brincat. Dr. Toni Abela ssejjah tliet darbiet baqa’ ma deherx. Gie verbalizzat li f’dan l-istadju dahal fl-awla l-konvenut. Deher ukoll ix-xhud Joseph Galea u ddikjara ruhu pront biex jixhed. Xehed Joseph Galea. Il-kawza giet differita ghas-7 ta’ Mejju 1999 ghall-kontinwazzjoni ta’ l-ezami ta’ Joseph Galea; tas-7 ta’ Mejju 1999 fejn kompla jixhed bil-gurament Joseph Galea prodott mill-attur; u tal-14 ta’ Jannar 2000 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Matthew Brincat ghall-attur u Dr. Toni Abela ghall-konvenut. F’dan l-istadju dahal fl-Awla l-konvenut. Dr. Abela ddikjara illi l-attur kien interpella gudizzjarjament lill-konvenut biex ihallsu s-somma ta’ sebat elef lira (Lm7,000) mislufa lilu. Mistoqsi mill-Qorti biex jghid jekk il-konvenut kienx wiegeb ghal dan l-att gudizzjarju Dr. Abela wiegeb illi mhux f’pozizzjoni li jghid, izda rriserva li jaghmel l-opportuna verifika. Dr. Brincat iddikjara illi l-attur ma jafx illi pprezenta ittra ufficjali fis-sens imfisser minn Dr. Abela u rriserva huwa wkoll illi jaghmel ricerka. Id-difensuri tal-partijiet talbu differiment biex ikunu jistghu jaghmlu r-ricerki opportuni u *okkorrendo* jirregolaw ruhhom. Il-kawza giet differita ghad-19 ta’ Mejju 2000 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta ghall-iskop imsemmi.

Rat in-nota ta’ Edwin Pisani datata 9 ta’ Ottubru 2000 a fol. 69 tal-process li biha esebixxa kopja legali ta’ zewg ittri ufficjali datati 19 ta’ Novembru 1993 u 2 ta’ Dicembru 1993 rispettivament, (immarkati Dok “EP1” u “EP2”)

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif presjeduta tad-19 ta’ Mejju 2000; tal-5 ta’ Ottubru 2000; tal-25 ta’ Jannar 2001; tat-28 ta’ Marzu 2001; u tas-27 ta’ Gunju 2001 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri

tal-partijiet. Il-kawza giet posposta. Meta regghet issejhet il-kawza dehret Dr. Ramona Frendo. Il-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli biex tisma' l-provi kollha tal-partijiet. Il-kawza giet differita biex l-Assistent Gudizzjarju tesplita l-inkarigu taghha ghat-12 ta' Dicembru 2001; tat-12 ta' Dicembru 2001 u tal-10 ta' April 2002 fejn il-kawza giet differita ghall-provi ta' l-attur quddiem din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna ghall-15 ta' Mejju 2002.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna tal-15 ta' Mejju 2002 u l-ordni tat-18 ta' Ottubru 2002 fejn il-kawza giet differita biex tinstema' minn din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri ghall-4 ta' Marzu 2003.

Rat l-avviz tat-3 ta' Marzu 2003 mahrug mill-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri u l-verbali tas-seduti ta' l-istess Qorti tas-7 ta' Mejju 2003 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr. Ramona Frendo ghall-attur. Deher Dr. Toni Abela ghall-konvenut. Dr. Toni Abela oppona ruhu ghax-xhud Dr. Martin Fenech *stante* li ma kienx indikat. Dr. Frendo ssottomettiet li l-htiega li jinstema' x-xhud twieldet mill-prezentata tad-dokument a fol. 60 *et seq*. Il-Qorti wara li semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet laqghet it-talba ta' l-attur u ordnat li tisma' x-xhud. Xehed Dr. Martin Fenech fejn ukoll Dr. Ramona Frendo pprezentat dokument li huwa mmarkat Dok. "MF1". L-attur iddikjara li ezawrixxa l-provi. Il-kawza giet differita ghall-kontro-ezamijiet tal-konvenut ghall-21 ta' Ottubru 2003; tal-21 ta' Ottubru 2003; tas-17 ta' Frar 2004 u tat-12 ta' Mejju 2004 fejn meta ssejhet il-kawza dehru l-partijiet assistiti mid-difensuri. Dr. Stefano Filletti ghall-konvenut ipprezenta affidavit ta' Marisa Pisani u kkonsenja kopja lill-kontro-parti. Xehed Joseph Galea prodott mill-konvenut. Ix-xhud Joseph Galea mpenja ruhu li jidher ghas-seduta li jmiss. Il-kawza giet differita ghat-2 ta' Gunju 2004 ghall-konkluzjoni tax-xhieda ta' Joseph Galea; tat-2 ta' Gunju 2004 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr. Ramona Frendo ghall-attur prezenti, u Dr. Stefano Filletti ghall-konvenut prezenti. Xehed Joseph

Galea ri-prodott mill-konvenut. Il-Qorti ordnat li d-Dokument “Y2” jigi ssigillat b’mod li jkun ghad-dispozizzjoni biss tal-partijiet in kawza. Il-kawza giet differita ghall-kontinwazzjoni ghat-13 ta’ Ottubru 2004.

Rat in-nota ta’ l-Avukati Dr. Ramona Frendo u Dr. Rachel Loporto Montebello datata 28 ta’ Settembru 2004 (fol. 152) li permezz taghha rrinunzjaw ghall-patrocinju ta’ l-attur, b’kull riserva ghall-hlas tad-drittijiet professjonali dovuti.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tat-13 ta’ Ottubru 2004 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. James D’Agostino u Dr. Andrea Micallef li assumew il-patrocinju ta’ l-attur, u Dr. Stefano Filletti ghall-konvenuti li pprezentaw l-affidavit ta’ Noel Arrigo. Xehed il-konvenut Edwin Pisani. L-attur impenja li jkun prezenti fis-seduta li jmiss kif ukoll Vivienne Refalo. Il-kawza giet differita ghas-17 ta’ Novembru 2004 ghas-smiegh ta’ dawn ix-xhieda; u tas-17 ta’ Novembru 2004 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. James D’Agostino ghall-attur prezenti u Dr. Stefano Filletti ghall-konvenut. Xehed John Refalo prodott mill-konvenut in kontro-ezami. Dr. Filletti pprezenta dokumenti permezz ta’ nota u li huma mmarkati bhala Dok. “EP1” sa Dok. “EP20”. Il-kawza giet differita ghall-21 ta’ Jannar 2005 sabiex tixhed Vivienne Refalo in kontro-ezami; tal-21 ta’ Jannar 2005 fejn meta ssejhet il-kawza deher l-attur assistit minn Dr. James D’Agostino u Dr. Stefano Filleti ghall-konvenuti. Il-konvenuti ma sabux oggezzjoni li x-xhud Vivienne Refalo tixhed bil-lingwa Ingliza. Xehdet Vivienne Refalo in kontro-ezami. Il-kawza giet differita ghall-15 ta’ Marzu 2005 ghall-kontro-ezamijiet tal-konvenut; tal-15 ta’ Marzu 2005 fejn xehed il-konvenut Edwin Pisani in kontro-ezami; tal-10 ta’ Mejju 2005 u tas-16 ta’ Gunju 2005 fejn il-Qorti kienet tinsab indisposta; u tat-8 ta’ Novembru 2005.

Rat l-ordni ta’ din il-Qorti kif hekk illum presjeduta tat-18 ta’ Jannar 2006 u l-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-istess Qorti kif presjeduta tat-23 ta’ Frar 2006; u tas-16 ta’ Mejju 2006 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. James

D’Agostino ghall-atturi prezenti u Dr. Srefan Filletii ghall-konvenuti prezenti. Xehdet Marisa Pisani in kontro-ezami. Deher ix-xhud Joseph Galea. Dr. James D’Agostino ddikjara li m’ghandux domandi x’jaghmel lix-xhud Joseph Galea u rrinunzja ghall-istess xhud. Dr. James D’Agostino ddikjara li m’ghandux provi aktar u talab li jipprezenta nota ta’ osservazzjonijiet. Il-Qorti laqghet it-talba u pprefiggiet terminu ta’ sittin (60) gurnata lill-attur biex jipprezenta n-nota ta’ osservazzjonijiet bil-visto/notifika lid-difensuri tal-kontro-parti li jkollu sittin (60) gurnata biex jirrispondu, mid-data tan-notifika tan-nota ta’ osservazzjonijiet, b’dan li jekk in-nota attrici ma tigix ipprezentata fit-terminu ndikat, it-terminu ghan-nota tal-konvenut jibda jghaddi mill-gheluq tat-terminu moghti lill-atturi. Il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghad-9 ta’ Novembru 2006.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ l-attur John Refalo pprezentata fir-Registru fit-28 ta’ Lulju 2006 kif tidher a fol. 288 tal-process.

Rat in-nota responsiva tal-konvenut Edwin Pisani *pro et nomine* li ggib id-data 12 ta’ Settembru 2006 kif tidher a fol. 298 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta’ Novembru 2006 fejn meta ssejhet il-kawza ma deher hadd. Il-kawza giet differita *sine die*.

Rat ir-rikors ta’ l-attur John Refalo pprezentat fit-22 ta’ Novembru 2006 a fol. 309 tal-process fejn l-esponenti talab lill-Qorti joghgobha terga’ tappunta din il-kawza ghas-smiegh fuq il-lista taghha, sabiex tigi trattata u deciza.

Rat id-digriet tal-Qorti moghti fit-23 ta’ Novembru 2006 fejn il-Qorti laqghet it-talba tar-rikors precedenti u regghet appuntat il-kawza mill-gdid ghas-smiegh ghall-1 ta’ Marzu 2007.

Rat il-verbal tas-seduta ta’ l-1 ta’ Marzu 2007 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet. Dr. James D’Agostino ta’ ruhu b’notifikat ghall-atturi bil-mozzjoni tar-

riappuntament tal-kawza. Id-difensuri rrimettew ruhhom ghan-noti ta' osservazzjonijiet u talbu li l-kawza tibqa' ghas-sentenza. Il-Qorti laqghet it-talba. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-31 ta' Mejju 2007.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza fejn l-attur qed jallega li huwa kien dahal fis-sena 1981 fi ftehim mal-konvenut Edwin Pisani sabiex jidhol f'sehem ta' 25 % fil-gestjoni tal-hanut Snoopy's Bar and Restaurant, Sliema, u li ghal dan il-ghan hallas is-somma ta' Lm7,000, u dan sabiex jakkwista l-ishma tas-socjeta' attrici li kellha l-proprjeta' u l-gestjoni ta' l-istess fond, liema ftehim l-attur jghid li fil-fatt qatt ma gie registrat, pero' skond huwa baqa' jigi onorat fil-prattika, tant li jsostni li bhala sehmu mill-istess gestjoni tal-hanut huwa rcieva s-somma ta' Lm5,000 u wkoll valur ta' xi servizzi, li izda ma kienux jwasslu ghas-sehem ta' profitti mis-sehem mill-gestjoni ta' l-istess negozju, u ghalhekk saru t-talbiet attrici sabiex jigi ddikjarat li l-istess attur ghandu sehem ta' 25% mill-ishma tas-socjeta' attrici u b'hekk sabiex tali ishma jigu registrati favurih mill-konvenut u fin-nuqqas mill-attur innifsu u wkoll sabiex konsegwentement il-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-sehem ta' 25% li huma dovuti lilu mill-profitti li l-istess socjeta' konvenuta ghamlet mis-sena 1982 sallum u dan kif jidher mill-ahhar tlett talbiet attrici.

Illi min-naha l-ohra s-sottomissjoni tal-konvenut u tas-socjeta' konvenuta huwa fis-sens li qatt ma kien hemm tali ftehim izda biss li l-attur kien silef lill-konvenut l-ammont ta' Lm7,000 u li ma setax iressaq din it-tip ta' azzjoni

sabiex jesegwixxi l-allegat ftehim xi tlettax-il sena wara; dwar dak li l-konvenut sejjah bhala danni reklamati f'din il-kawza mill-attur, il-konvenut ecceppixxa l-preskrizzjoni fuq dak li jipprovdi l-artikolu 2153 tal-Kap 16.

Illi dwar din l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni jinghad li l-**artikolu 2153 tal-Kap 16** jipprovdi li l-azzjoni ghall-hlas ta' hsarat mhux kagunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn, izda peress li din il-kawza ma tirrizultax li hija kawza ta' danni din il-Qorti tiddeciedi li dan l-artikolu ma japplikax ghall-kaz in ezami u ghalhekk din it-tielet eccezzjoni qed tigi michuda. Fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu, il-konvenut jirreferi ghall-artikolu 2156 (f) tal-Kap 16, izda din il-preskrizzjoni qatt ma giet eccepita fl-atti tal-kawza u certament dan ma huwiex il-mod li titressaq eccezzjoni ta' preskrizzjoni. B'hekk din il-Qorti qed tiddeciedi biss fuq il-preskrizzjoni sollevata fin-nota ta' eccezzjonijiet li hija dik skond id-disposizzjonijiet ta' l-**artikolu 2153** premess u ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

Illi wara li din il-Qorti ezaminat il-provi kollha processwali dwar il-pretensjonijiet attrici din il-Qorti thoss li l-allegazzjonijiet attrici ma gewx ippruvati u dan peress li jirrizulta lil din il-Qorti li l-unika rapport li kien hemm bejn l-attur u l-konvenut Edwin Pisani kien biss wiehed ta' self, u dan peress li l-istess konvenut ried jixtri s-sehem ta' Peter Arrigo u Dr. Noel Arrigo fis-socjeta' attrici bhala proprjetarja ta' l-istabbiliment Snoopy's f'San Giljan, u fil-fatt jidher li l-ishma ta' l-imsemmija azzjonisti gew fil-fatt akkwistati mill-konvenut.

Illi jidher li ghalkemm l-istess attur u martu Vivienne Refalo sostnew li l-ammont ta' flus avvanzati mill-attur lill-konvenut kienu ntenzjonati sabiex l-istess attur jakkwista s-sehem indikat fic-citazzjoni attrici mill-gestjoni ta' l-istabbiliment imsemmi, din il-versjoni ma hijiex kredibbli anke ghaliex l-istess gestjoni u proprjeta' ta' l-istess stabbiliment kienet fil-fatt tas-socjeta' konvenuta, socjeta' li fil-fatt il-konvenut jistqarr fl-affidavit tieghu datat 30 ta' April 1997, li lanqas biss kien jaf li tezisti meta sar l-istess allegat ftehim mal-konvenut u fil-fatt ma saret u l-istess

attur qatt ma esiga l-ebda skrittura ghall-assenjazzjoni ta' l-istess ishma, u wisq inqas r-registrazzjoni ta' l-istess, hlief cirka tlettax-il sena wara li sar l-istess ftehim, u dan permezz ta' din il-kawza ntavolata fis-6 ta' Mejju 1994.

Illi mhux hekk biss izda minkejja x-xhieda ta' l-attur u martu jidher li l-attur innifsu kien interpella permezz ta' ittra ufficjali datata 19 ta' Novembru 1993 lill-konvenut Edwin Pisani sabiex *"fi zmien gimgha thallas is-somma ta' sebat elef lira Maltin (Lm7,000) u bilanc tal-interessi dovuti minnek minhabba self li l-istess mittenti avvanza lilek"* u dan kif jirrizulta minn kopja legali ta' l-istess ittra ufficjali (Dok. "EP1" - - fol. 70); ittra ufficjali li l-konvenut irrisponda ufficjalment permezz ta' att gudizzarju datat 2 ta' Dicembru 1993 ((Dok. "EP 2" – fol. 74) tal-process. Fil-verita' x-xhieda moghtija minn dak li kien id-difensur legali ta' l-attur meta saret l-istess ittra ufficjali, liema xhieda hija datata 7 ta' Mejju 2003, ma tbiddel xejn mill-kontenut ta' l-istess ittra ufficjali, u dan anke minhabba dak li nghad a fol. 97 tal-process fejn inghad li *"huwa kien sellfu l-flus mhux bhala self, imma biex jidhol bhala shab mieghu fil-business....."* , u dan anke peress li biex wiehed jidhol fi shab f'azjenda wiehed ma jitkellimx fuq self izda fuq pagament jew hlas.  Illi mhux hekk biss izda l-istess dokument indikat bhala Dok. "MF 1" jidher li sar mhux fil-mument li saret l-ittra ufficjali, izda wara li gietipprezentata l-kawza, u wkoll dan id-dokument jitkellem fost affarijiet ohra li *"I lent him the money as he promised me 25% share in Snoopy's which he was buying from the Arrigo brothers".* F'dan is-sens jista' jinghad li l-versjoni attrici hija kontradetta mhux biss mill-provi kollha prodotti mill-konvenuti (kif ser jigi ndikat f'din id-decizjon), izda wkoll minn atti gudizzjarji u atti ohra prodotti mill-atturi nnifishom, li certament irendu l-versjoni ta' l-attur inverosimili u mhux kredibbli. Dan meta kien oneru ta' l-attur li jipprova l-allegazzjonijiet minnu vantati, oneru li bl-ebda mod din il-Qorti ma thoss li huwa ssodisfa, anzi jidher car li l-versjoni ta' l-attur hija wahda ghal kollox inkonsistenti u mhux ippruvata.

Illi f'dan is-sens huwa relevanti dak li gie ritenut fis-sentenza **"Nancy Caruana vs Odette Camilleri"** (P.A. – 13 ta' Frar2001 u cjoe' li:-

*"Il-piz tal-prova ta' dak li hemm fic-citazzjoni jinkombi fuq l-atturi li qeghdin jaghmlu l-imsemmija allegazzjoni u dan a bazi tal-principju legali 'ei incumbit probatio qui dicit non ei qui negat".*

Illi din il-Qorti thoss li l-attur dan l-oneru ma ssodisfahx u dan apparti li l-versjoni ta' l-attur hija kontradetta mix-xhieda tal-konvenut u ta' martu Marisa Pisani li jippruvaw li fil-fatt l-istess stabbiliment kien proprjeta' tas-socjeta' konvenuta, (kif jirrizulta mill-kuntratt ta' l-akkwist datat 11 ta' Lulju 1980 – fol. 256), li kellha bhala azzjonisti taghha lill-konvenut, lil Peter Arrigo u Dr. Noel Arrigo u lil Dr. Alec Mizzi, u fil-fatt kienet giet registrata fl-4 ta' Gunju 1980; jirrizulta wkoll li l-ahhar tlett persuni kienu hargu mill-istess socjeta` kif jidher mid-dokumenti esebiti bhala Dok. "M" (fol. 105 – 125 tal-process) u mix-xhieda tal-komputista ta' l-istess socjeta' Joseph Galea (ara xhieda – 12 ta' Mejju 2004 – fol. 126 *et sequitur*), u l-konvenut kien akkwista l-ishma kollha ta' l-istess socjeta' minghand l-istess tliet azzjonijiet appena msemmija, b'dan li l-konvenut akkwista b'hekk l-ishma kollha ta' l-istess socjeta', b'sehem wiehed jigi registrat f'isem l-komputista' Joseph Galea.

Illi ghal dak li hija t-tezi tal-konvenut ma hemm l-ebda dubju li dan it-trasferiment ta' ishma tas-socjeta' konvenuta kien sar legalment u bi ftehim bejn l-istess azzjonisti kollha ta' l-istess socjeta', kif hemm ikkonfermat kemm mid-dokumenti esebiti u kemm mix-xhieda ta' l-istess Joseph Galea, mentri ma hemm l-ebda dubju li ghal dak li jirrigwarda t-tezi attrici, dan fil-fatt ma sehhx tant li ma kien hemm ebda procedura mill-azzjonisti ta' l-istess socjeta' sabiex l-attur jakkwista s-sehem pretiz minnu, u jidher li f'dan il-kaz allegat mill-attur ma giet segwieta l-ebda procedura ndikata fl-att kostitwittiv ta' l-istess kumpanija u dan kif jidher f'paragrafu 19 (fol. 122 tal-process).

Illi *in verita'* l-attur ma talabx li ssir din il-procedura anke ghaliex l-istess attur jammetti li meta huwa ghadda l-flus lill-konvenut huwa lanqas kien jaf li tali stabbiliment kien proprjeta' ta' socjeta' – proprju s-socjeta' konvenuta – kien biss tlettax-il sena wara l-allegat ftehim li ppretenda li jsir dan permezz ta' din il-kawza, u dan biss wara li l-attur kien ghamel ikla fl-istess stabbiliment mal-familja tieghu u jghid li l-konvenut ma kienx lest li jaccetta l-hlas ta' tali kont – kienet minhabba f'hekk li ghamel din il-kawza – versjoni li fl-opinjoni ta' din il-Qorti tkompli timmilita kontra l-verosimiljanza ta' l-allegazzjonijiet attrici.

Illi min-naha l-ohra l-versjoni tal-konvenut tinsab ikkoroborata wkoll mix-xhieda ta' Joseph Galea, (kemm dik moghtija fid-9 ta' Dicembru 1998, tas-7 ta' Mejju 1999 u 12 ta' Mejju 2004) li jghid li l-konvenut kien qallu li l-istess ammont li kien versat mill-attur lill-konvenut kien sar taht titolu ta' self, u jikkonferma li huwa kien involut fit-trasferiment ta' l-ishma ta' l-azzjonisti kollha tas-socjeta' konvenuta lill-konvenut, b'sehem lilu, u dan peress li kien ilu involut bhala komputista mas-socjeta' konvenuta mis-sena 1983. Fil-fatt ix-*share transfers* relattivi gew esebiti bhala Dok. "Y1" (fol. 144 *et sequitur).*

Illi dwar s-somma li l-konvenut kien qallu li ssellef minghand l-attur, l-istess xhud ikkonferma li huwa kien hallas permezz ta' *cheques* tas-socjeta' konvenuta lill-attur fl-ammont ta' Lm5,000, liema ammonti kienu nqatghu minn flus li l-konvenut kellu jiehu minghand is-socjeta' konvenuta, b'dan ghalhekk li effettivament ir-rifuzzjoni ta' l-istess ammont mill-konvenut lill-attur sar biex jithallas lura s-self. Jissemma' wkoll li l-konvenut kien hallas ammonti ulterjuri bi flus kontanti, u dan apparti kontijiet ta' servizzi li l-attur kien ha mill-istess stabbiliment li gew dejjem ikkonsidrati mill-konvenut bhala rifuzzjoni u pagament lura ta' l-ammont misluf.

Illi l-istess xhud spjega li matul dan iz-zmien kollu l-attur qatt ma ppretenda li ghandu xi dritt fl-istess socjeta' u qatt ma avvicinah bhala persuna li kellha sehem fl-istess socjeta'. L-istess xhieda hija kkorroborata mix-xhieda ta' Dr. Noel Arrigo li spjega li qatt ma gie avvicinat mill-attur

dwar l-operat ta’ l-istess socjeta` u dwar l-istess din il-Qorti taqbel ma dak sottomess mill-konvenuti fin-nota ta’ osservazzjonijiet taghhom dwar l-istess.

Illi din il-Qorti tosserva li l-istess versjoni ta’ l-attur hija wkoll inkredibbli peress li kieku veru li l-istess attur ghamel l-investiment li huwa allega li ghamel certament li kien jistharreg sew fuq min kellu titolu fuq l-istess stabbiliment, fuq min kellu titolu fuq l-istess, fuq is-socjeta’ li kellha t-titolu fuq l-istess immobbli, almenu wara li sar jaf li hemm l-istess socjeta’; certament li nvestiment ta’ dak it-tip f’dak iz-zmien kien jirrikjedi li l-proceduri jigu sewgiti, facilita’ li l-istess attur setgha jsegwi meta almenu sar jaf bl-istess socjeta’, izda minn dan kollu l-attur qatt ma ghamel xejn – mhux biss izda meta sostna li huwa kien ircieva l-ammonti mhallsa lura mill-konvenut bhala sehemu mill-profitt, jidher li huwa lanqas biss qatt talab rendikont ta’ l-istess. Certament li l-kummenti bhal dawn u ohrajn li jinsabu fin-nota ta’ osservazzjonijiet tal-konvenut, u bbazati fuq ix-xhieda f’dawn il-proceduri, jikkonfermaw li t-tezi ta’ l-attur ma tistax tigi accettata

Illi fil-fatt il-konvenut u martu jaghtu versjoni differenti kif sar is-self *da parte* ta’ l-istess attur lill-konvenut – tant li jsostnu li kien proprju l-istess attur li offra li javvanza tali flus lill-konvenut u dan anke minhabba problemi familjari li sfortunatament l-attur dak iz-zmien kien ghaddej minnhom - tant li l-istess isostnu li kontra dak li allegat Vivienne Refalo - l-flus kien ghaddew meta l-attur kien ghadu mizzewweg lil Lea Refalo (fol. 103 u 167).

Illi din il-Qorti thoss li f’dan il-kaz mhux biss l-attur ma rnexxilux jissodisfa l-oneru ta’ prova mposta fuqu li jwassal sabiex it-talbiet attrici jigu rigettati, izda wkoll jinghad li f’dan il-kaz il-versjoni moghtija mill-konvenut giet fil-fatt ippruvata u hawn jidhlu ukoll id-decizjonijiet citati mill-konvenut fin-nota ta’ osservazzjonijiet tieghu nkluzi dawk ta’ **“George Bugeja vs Joseph Meilak”** (P.A. – 30 ta’ Ottubru 2003) fejn gie kkonfermat li l-verosimiljanza hija forma ta’ korroborazzjoni u din il-Qorti thoss li fuq l-iskorta tal-provi prodotti, l-versjoni tal-konvenut hija mhux

biss iktar verosimili, izda wkoll giet ippruvata sal-grad rikjest mill-ligi.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici qed jigu michuda ghaliex infondati fil-fatt u fid-dritt.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad it-tielet eccezzjoni tal-konvenuti tal-preskrizzjoni abbazi ta' l-artikolu 2153 tal-Kap 16 u dan peress li l-istess ma hijiex applikabbli ghall-kawza odjerna, u fil-waqt li tilqa' l-eccezzjonijiet l-ohra in kwantu l-istess huma konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad it-talbiet attrici** peress li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif hawn deciz.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------